A.L. 55 ta' l-1990

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' 'Master of Education' (M.Ed.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Regolamenti għall-Grad ta' 'Master of Education' (M.Ed.) u jgħoddu biss għall-kors li beda f'Ottubru 1987.

REGOLAMENTI GĦALL-GRAD TA' 'MASTER OF EDUCATION' (M.Ed.)

(Igħoddu biss għall-kors li beda fl-1987)

1. **Kwalifiki għad-Dħul**

1.1 Qabel ma jiġi aċċettat biex jistudja għall-grad ta' 'Master of Education' (M.Ed.) kandidat irid ikun ġie approvat mill-Bord tal-Fakultà, bir-rakkomandazzjoni ta' Kumitat ta' l-M.Ed.

1.2 Kandidat għall-grad ta' M.Ed. irid ikun kiseb diġa' grad bl-unuri ta' l-ewwel jew tat-tieni klassi jew kwalifiki meqjusin bħala ekwivalenti minn din l-università jew minn università oħra approvata mis-Senat għal dan il-għan.

1.3 Il-grad irid ikun jew:

a. B.Ed. (Hons.) minn din l-università jew minn università oħra approvata mis-Senat, flimkien ma' l-esperjenza rikonoxxuta fit-tagħlim ta' mill-anqas tliet snin.

JEW

b. grad bl-unuri flimkien ma':

i. kwalifika professjonali fit-tagħlim (e.g. P.G.C.E., Dip. Ed. jew Ċertifikat ta' Għalliem) u esperjenza rikonoxxuta fit-tagħlim ta' mill-inqas tliet snin; jew

ii. esperjenza rikonoxxuta fit-tagħlim ta' mill-inqas ħames snin.

1.4 Kandidat li m'hux kwalifikat b'dan il-mod jista' jkun aċċettat f'ċirkustanzi speċjali. Dan il-kandidat, flimkien ma' stipulazzjonijiet speċjali tal-Bord tal-Fakultà, ikun mistenni li jagħmel sena studju qabel ir-reġistrazzjoni billi jsegwi kors xieraq ta' thejjija, u li jgħaddi minn eżami tal-kwalifikazzjoni bil-livell ta' għallinqas it-tieni klassi bl-unuri.

2. Xogħol tal-Kors u Eżami

2.1 Kandidati għall-grad ta' 'Master of Education' ikunu mistennija jispeċjalizzaw f'xi qasam tat-Teorija ta' l-Edukazzjoni u/jew tal-Pedagoġija.

2.2 Il-kors ikun magħmul minn "coursework", eżamijiet bil-miktub u l-preżentazzjoni ta' teżi.

2.3 Il-kandidati jkunu mistennija jtemmu l-kors f'mhux inqas minn:

a. sena kalendarja ta' studju "full-time', jew
b. sentejn kalendarji ta' studju 'part-time'.

Tista' tingħata estensjoni ta' sena għall-kors.

2.4 Ix-xogħol tal-kors ikun magħmul minn erba' "modules" ta' madwar 60 siegħa kull wieħed. Kull "module" jkun eżaminat b'xogħol miktub sottomess fi tmiem il-"module". Eżami bil-miktub li jikkonsisti f'erba' karti jsir fi tmiem il-kors.

2.5 Jingħataw tliet "modules"; il-"module" l-ieħor jintgħażel mill-kandidat minn għadd ta' għażliet approvati mill-kumitat ta' l-M.Ed.

2.6 Kull "module" jrid jintemm b'suċċess, iżda min jeħel f'xi "module" jista' jirrepetih darba.

3. It-Teżi

3.1 L-istudenti huma mistennija li jagħmlu it-teżi bis-sorveljanza tat-"tutor" tagħhom.

3.2 L-isem propost u l-pjan tat-teżi jridu jkunu approvati mit-"tutor" u mbagħad sottomessi lill-Bord tal-Fakultà permezz tal-Kumitat ta' l-M.Ed. għall-approvazzjoni finali.

3.3 L-isem u l-pjan tat-teżi jridu jkunu sottomessi sa tmiem is-sitt xahar mill-bidu tal-kors.

3.4 It-teżi tkun sottomessa fil-għamla finali tagħha, tliet xhur wara l-eżamijiet finali.

3.5 It-teżi trid tkun ittajpjata u ma tkunx itwal minn 20,000 kelma.

3.6 Tliet kopji, imħejjija fl-istil approvat, iridu jkunu sottomessi.

3.7 Kull teżi tkun eżaminata minn Bord ta' Eżaminaturi maħtura mill-Bord tal-Fakultà. L-eżaminaturi, fid-diskrezzjoni tagħhom, jistgħu jeżaminaw lill-kandidat oralment.

3.8 Jekk ix-xogħol sottomess jitqies li mhux sodisfaċenti, il-kandidat, bir-rakkomandazzjoni ta' l-eżaminaturi, jista' jitħalla jerġa' jissottometti it-teżi darba fi żmien sena.

4. **Ir-Reġestrazzjoni**

4.1 Ir-reġistrazzjoni għall-kors tal-Grad ta’ M.Ed. tkun aċċettata wara sejħa għall-applikazzjonijiet.